*Kunsill Lokali Ħamrun*
*683 A, Triq il-Kbira San Ġużepp,*
*Ħamrun*
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret il-mitejn u sebgħa u sittin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Ħamis 23 ta' Lulju 2009 fil-5.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | V/Sindku |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bernardette Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Arthur Ellul | Kunsillier |
| Dr. Paula Mifsud Bonnici LL.D | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta Minst SMM (UK), MCIM (UK), M.B.A. (Maastricht) | Kunsillier |

Is-Sur Jonathan Abela kien skużat.

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-mitejn u sitta u sittin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

## 4. Punti li joħorġu mill-minuti

### *4.1. Chocolate Festival*

Is-Sur A. Ellul nforma lill-Kunsill li d-dati bejn is-Sibt 24 u l-Ħadd 25 t'Ottubru 2009 ġew ikkonfermati mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u d-diviżjoni tal-Kultura bħala l-ġranet li fihom ser issir iċ-*Chocolate Festival*. Ġie deċiż li wara l-festa ta' San Gejtanu għandhom jibdew isiru laqgħat ta' kordinament għaċ-*Chocolate Festival*.

*4.2. Korsijiet tal-Kompjuter*

Is-Sinjura C. Borg nfurmat lill-Kunsill li l-korsijiet tal-kompjuter bdew u mixjin tajjeb. Is-Sur C. Valletta staqsa jekk kienx possibli li tinbidel il-ġurnata tal-kors assenjat lis-Sur Gejtu Abela. Is-Segretarju Eżekutiv spjega li ser jara jekk jistax isir it-tibdil mal-kordinatur tal-korsijiet.

*4.3. Gwardjani Lokali*

Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li wara l-aħħar laqgħa irċieva telefonata mill-Uffiċjal Awtorizzat fejn qallu li kien infurmat mill-*Field Officer* li l-verżjoni dwar iċ-ċirkostanzi li nħarġet iċ-ċitazzjonijiet lill-Persuna b'Diżabilita` kienu differenti. Filfatt is-Sur C. Valletta talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jitlob lill-Uffiċjal Awtorizzat jikteb lill-Kunsill bil-verzjoni li qallu l-*Field Officer*. Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra tal-Uffiċjal Awtorizzat. Is-Sur C. Valletta spjega li l-persuna kkonċernata ser tikkontesta l-kontravenzjoni fit-Tribunal.

Is-Sur C. Valletta staqsa jekk il-Kunsill jistax iżid notifika żgħira mat-tabelli eżistenti biex tindika l-obligu tal-użu tal-arloġġ. Ġie deċiż li ssir verifika jekk tabelli simili jistgħux isiru. Sadanittant ġie deċiż li tintbgħat ittra lis-sidien tal-ħwienet biex jintalbu jinfurmaw lill-klijenti tagħhom dwar l-infurzar tal-parkeġġ bil-ħin.

*4.4 Onorifiċenza*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien kellem darbtejn lill-Onor. Dr Mario de Marco dwar l-onorifiċenza proposta biex tingħata lill-Profs. Gwido de Marco iżda sallum għadu ma ngħata l-ebda risposta.

*4.5 Talba għal Kumpens*

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-avukat tal-Kunsill hija tal-parir li fid-dawl tal-*policy* tal-Kunsill li jirrispinġi talbiet ta' kumpens għall-allegati ħsarat, il-Kunsill jista' jibqa' jinsisti li ma jaċċettax it-talba u f'każ li l-individwu jipproċedi bil-qorti dan xorta jkun irid jikkonvinċi l-qorti li f'dan il-każ it-*tyre* tal-vettura tiegħu kien fi stat tajjeb. Ġie deċiż li l-avukat tal-Kunsill tintalab tibgħat ittra uffiċjali lil Dr. Luciano Busuttil biex tinfurmah li l-Kunsill qed jirrispinġi t-talba tal-klijent tiegħu.

*4.6 Plakka Kommemorattiva għal Oreste Chircop*

Il-Kunsill iddeċieda li għalkemm il-fond jinsab fil-konfini tal-Ħamrun, minħabba li din hija propjeta` privata, il-Kunsill ma jistax iwaħħal plakka kommemorattiva għal Oreste Chircop fuq l-istess fond.

*4.7 Sleeping Policeman – Triq Atocia*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellem lill-persuni li talbu *Sleeping Policeman* fi Triq Atocia u dawn spjegaw li xtaqu *Sleeping Policeman* fil-parti ta' Triq Atocia fejn titwessa t-triq. Ġie deċiż li din it-talba tiġi referuta lill-ADT.

*4.8 Kuntratt – Collection and Separation of Household and Commercial Waste*

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ħareġ struzzjonijiet lill-Kunsilli Lokali biex iġeddu l-kuntratti eżistenti sakemm issir laqgħa fejn għandhom jiġu spjegati l-proċeduri ġodda għall-ħruġ ta'offerti kif ukoll il-kontenut tal-kuntratt il-ġdid.

*4.9 Kuntratt – Street Sweeping and Cleaning*

Il-Kunsill iddeċieda li t-toroq li jmissu ma' Triq il-Kbira San Ġużepp, toroq ħdejn skejjel u Pjazza Kappillan Muscat jiżdiedu mal-lista ta' toroq li jridu jinkinsu kuljum. Ġie deċiż li wara li jsiru l-emendi fil-kuntratt, tista' tinħareġ l-offerta.

*4.10 Ħadida fi Triq Fra Diegu*

Is-Sur C. Valletta talab lill-Kunsill biex jikkonsidra jirreferi it-talba biex titwaħħal ħadida quddiem il-ħanut 'Mikanto" Triq Fra Diegu, direttament lill-ADT. Il-Kunsill approva li tintbagħat it-talba.

## 5. <u>Korrispondenza</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispondenza li rċieva l-Kunsill bejn il-25 ta' Ġunju u t-23 ta' Lulju 2009

*5.1 Sur Max Farrugia - laqgħa*

Is-Sur Farrugia talab sabiex issir laqgħa mal-Kunsill dwar ix-xogħlijiet fis-sit tas-suq. Ġie deċiż li ssir laqgħa nhar il-Erbgħa 29 ta' Lulju fl-4.00pm.

*5.2 Youth Exchange: Sports - Alternative for Healthy Life*

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-parteċipazzjoni tal-Kunsill fil-*Youth Exchange Sports - Alternative for Healthy Life* ġiet approvata. Il-proġett ser issir bejn is-17 u t-23 t'Awissu fir-Rumanija u hija miftuħa għaż-żgħażagħ bejn it-18 u l-25 sena.

*5.3 Għaqda Mużikali San Gejtanu – Attivita` fid-Dar ta' l-Anzjani tas-sorijiet iż-Żgħar tal-Fqar*

Il-Kunsill ġie infurmat li l-Għaqda Mużikali San Gejtanu ser torganizza attivita` b'marċi fid-dar ta' l-Anzjani tas-Sorijiet iż-Żgħar tal-Fqar nhar is-Sibt 1 t'Awissu. L-Għaqda stiednet lill-Kunsill biex jieħu lill-Anzjani l-oħra Ħamruniżi għall-attivita. Ġie deċiż li ssir *poster* biex tiġi rreklamata l-attivita` u li sa l-Erbgħa 29 ta' Lulju 2009 tintbagħat il-lista tal-anzjani interessati jattendu.

*5.4 Sur Anthony Farrugia – ilmenti u suġġerimenti*

Il-Kunsill ircieva ittra mingħand is-Sur Farrugia dwar ilmenti u suġġerimenti relatati mal-Ħamrun. Ġie deċiż li jiġu spezzjonati s-siti identifikati mis-Sur Farrugia.

*5.5 E.T.C – Literacy programme*

Il-korporazzjoni E.T.C staqsiet jekk il-Kunsill iridx li jiġu organizzati *Literacy courses* fl-Uffiċju Amminstrattiv tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezjoni li jsiru l-imsemmija korsijiet.

*5.6 Awtorita` dwar it-Trasport – Keep Clear quddiem St Joseph School*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ADT m'approvatx it-talba għal *un/loading bay* quddiem St Joseph School iżda minflok approvat li tinżebagħ *Single Yellow Line* ta' 5 metri tul fil-kantuniera ħdejn il-grada tal-iskola u li tinżebagħ *Keep Cleer Bay* quddiem il-grada prinċipali tal-iskola.

*5.7 Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni – Tħawwil ta' Siġra*

Il-Kunsill iddeċieda li ssir laqgħa fil-post sabiex jiġi identifikat post fejn tista' titħawwel siġra fl-okkażjoni tal-Anniversarju tal-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni.

*5.8 GRTU – Green Mt*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien mas-Sur C. Valletta u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu ma' uffiċjali mill-GRTU rigward ġbir ta' skart separat. Il-Kunsill ġie ppreżentat bi proposta biex jikkonsidra jidħol fi ftehim mal-kumpanija Green Mt Ltd dwar Inizjattiva Ambjentali Sostenibbli lejn komunitajiet aktar nodfa. Ġie deċiż li l-Kunsilliera jingħataw kopja tal-Proposta biex tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

*5.9 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Kampanja 'Il-Ktieb Pass il-Bogħod Minnek'.*

Il-Kunsilli ġew mistiedna biex jattendu attivita f'Bormla bl-iskop li titqajjem kuxjenza ħalli jkun hemm aktar interess fil-qari ta' kotba. Is-Sindku u s-Sinjura C. Borg ser jattendu l-attivita li ser issir nhar il-Ġimgħa 31 ta' Lulju fis-6.30pm fi Ġnien Santa Margerita, Bormla.

*5.10 Johnny's Bar – Katina*

Il-propjetarju ta' Johnny's Bar talab lill-Kunsill biex bħal ma ġara s-sena l-oħra titneħħa temporarjament il-katina li hemm bejn il-*bollards* fi Triq il-Kbira San Ġużepp k/m Triq Qormi. Il-Kunsill ma sabx oġġezjoni li titneħħa parti mill-katina għal jiem tal-festa.

*5.11 Sur Vincent Gatt – Double Yellow Line faċċata ta' garaxx*

Is-Sur Gatt talab lill-Kunsill biex jikkonsidra jsir *Double Yellow Line* tul faċċata tal-garaxx tiegħu numru 3 fi Triq Adelaide Cini, Ħamrun peress li meta tipparkja vettura faċċata tal-garaxx, ma jkunx jista joħroġ jew idaħħal il-vettura. Ġie deċiż li t-talba tiġi riferuta lill-ADT għall-konsiderazzjoni.

## 6. Rapporti tas-Sotto Kumitati

*6.1 Sotto Kumitat 6*

Dr P. Mifsud Bonnici nfurmat lill-Kunsill li ġiet infurmata li Triq Eugenio Borg ġiet inkluża fil-programm ta' xogħlijiet tal-ADT sabiex tingħata wiċċ ġdid.

*6.2 Sotto Kumitat 7*

- Is-Sur C. Valletta ssuġġerixxa li wara l-festa ta' San Gejtanu jibdew il-laqgħat għall-preparamenti tal-Milied. Is-Sur C. Valletta ippropona li s-Sur Jeffrey Azzopardi u s-Sur Joseph Cauchi jinħattru membri tas-Sotto Kumitat responsabbli mill-Qasam tan-Negozju.

- Is-Sur C. Valletta talab sabiex malli l-Kunsill jirċievi l-kont tad-dawl għall-armar tal-Milied, tintbagħat rendikont lis-sidien tal-ħwienet ta' Triq il-Kbira San Ġużepp.

*6.3 Sotto Kumitat 2*

- Is-Sur A. Ellul ssuġġerixxa li l-Kunsill jitlob lill-Għaqdiet taż-żgħażagħ fil-Ħamrun biex jibagħtu volontarjat lista bid-dettalji taż-żgħażagħ membri fl-Għaqdiet tagħhom sabiex il-Kunsill jkun jista' jaħdem fuq proġett għaż-żgħażagħ fl-Unjoni Ewropeja. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment.

*6.4 Sotto Kumitat 4*

- Is-Sur M. Caruana nforma lill-Kunsill li l-fuljett tlesta u ser jibda jitqassam mill-kumpanija Maltapost. Ġie deċiż li jintbagħtu numru ta' kopji lill-*Comune di Carpineto Romano*.

Fis-7.30pm il-Viċi Sindku daħal għal-laqgħa.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Bord Editorjali ddeċieda li jneħħi parti mill-artiklu li kiteb is-Sur J. Abela fil-fuljett tal-Kunsill. Hawn żied jgħid li minħabba li s-Sur J. Abela kien skużat għal-laqgħa ta' llum, ikun aħjar li dan il-punt jiġi diskuss f'laqgħa tal-Kunsill li fiha jkun preżenti.

- Il-Kunsill iddeċieda li ssir żjara lill-anjani Ħamruniżi reżidenti San Vinċenz għall-okkazjoni tal-Festa ta' San Gejtanu. Ġie deċiż li tinxtara xi ħaġa żgħira lill-istess anzjani.

- Is-Sinjura C. Borg issuġġerit li l-Kunsill iżur ukoll lill-Antida Gauci li tinsab rikoverata l-isptar wara l-inċident li kellha.

*6.5 Sotto Kumitat 3*

- Is-Sinjura C. Borg infurmat lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat ser jorganizza *Buffett Breakfast* f'Settembru u l-ħaġa għall-Vitorja fit-8 ta' Settembru 2009.

*6.6 Sotto Kumitat 5*

- Il-Viċi Sindku spjega li l-Kunsill tal-Ħamrun ser jipparteċipa flimkien mal-Kunsill Lokali ta' Birżebbugia fil-*Youth Exchange Sports - Alternative for Healthy Life* u li l-Kunsill Lokali Ħamrun jista' jibgħat erba' parteċipanti. Il-Viċi Sindku spjega li mas-sitt parteċipanti jrid imur *leader.* Is-Sinjura C. Borg offriet li tkun il-*leader* tal-proġett. *Posters* dwar il-proġett twaħħlu man-*Notice Boards* tal-Kunsill.

*6.7 Sotto Kumitat 1*

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien mal-Perit tal-Kunsill, il-*Contracts Manager* u s-Segretarju Eżekuttiv kellu laqgħa mal-Kuntrattur u l-Perit respomsabbli mix-xogħolijiet tal-Proġett tas-Suq. Is-Sindku spjega li ġiet solvuta l-problema fejn se jiġi armat it-*Tower Crane*. Is-Sur C. Valletta talab lill-Kunsill biex jara x'ġara mill-*claim* tas-Sur David Goodlip dwar allegat ħsarat kawżati mit-tħaffir.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-gimgħa dieħla ser jitkompla x-xogħol ta' *patching* ta' toroq fil-Ħamrun.

- Is-Sindku ssuġġerixxa li l-*Pedestrian Crossing* fi Pjazza 7 ta' Ġunju ssir bil-madum bħala prova minħabba l-problema li ż-żebgħa ma ddumx tidher. Il-Kunsill iddeċieda li jipproċedi bil-prova.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bdew jitwaħħlu xbieki tal-ħadid mal-gradilji tal-*culverts* ta' l-ilma tax-xita biex jiġu evitati l-problemi ta' ġrieden u wirdien.

## 7. <u>Festa San Gejtanu</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-minuti tal-laqgħa li saret ma' uffiċċjali tal-Pulizija rigward il-Festa San Gejtanu (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li laqgħa oħra mal-Pulizija rigward il-festa ser issir nhar il-Erbgħa 29 ta' Lulju 2009 fl-12.30pm.

Inqrat ittra li l-Kunsill irċieva mill-Għaqda Mużikali San Gejtanu dwar tneħħija tal-parkeġġ ta' vetturi u għeluq ta' Triq il-Kbira San Ġużepp minħabba l-armar tal-festa. Ġie spjegat li din l-ittra ġiet diskussa mal-Pulizija u li l-istess Pulizija ser tieħu ħsib l-arranġamenti neċessarji. Minkejja dan ġie miftiehem li tneħħija tal-parkeġġ tal-vetturi jiġi limitat.

Fit 8.15pm s-Sinjura J. Bugeja ġiet skużata mil-laqgħa.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien reġa' kellem lill-Assistent Kummissarju u dan qallu li l-Pulizija kienu lesti jikkunsidraw li jħallu l-armar ta' mwejjed u siġġijiet b'xi restrizzjonijiet.

Is-Sindku ppropona mozzjoni biex jerġa jiftaħ id-diskussjonijiet mal-pulizija biex ħwienet jidħallew jarmaw imwejjed barra quddiem il-ħwienet tagħhom bhalma jsir f'lokalitajiet oħra f' Malta.

Is-Sur A. Ellul issekonda

Il-mozzjoni m'għaddietx bi tlett (3) voti favur u erba' (4) voti kontra.

## 8 Ittra ta' Direzzjoni mill-Udituri tal-Gvern Lokali

Il-Kunsilliera ġew ippreżentati b'kopja tal-*Audited Financial Statements*, l-Ittra ta' Direzzjoni mill-Udituri tal-Gvern Lokali u r-risposta tal-Kunsill għall-istess Ittra ta' Direzzjoni. (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Wara li saret spjegazzjoni dettaljata mis-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsill approva unanimament ir-risposta għall-Ittra tal-Udituri.

Fit-8.25pm s-Sinjura J. Bugeja reggħet daħlet għal-laqgħa.

## 9. Ħwejjeg oħra ta' natura urġenti

*9.1 Triq Joe Sciberras – Repainting tal-Yellow Lines*

Is-Sinjura J. Bugeja ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill biex jerġgħu jinżebgħu s-sinjali sofor fi Triq Joe Sciberras.

*9.2 Ħruġ ta' ilma fi Triq id-Duluri*

Is-Sinjura J. Bugeja ġibdet l-attenzjoni dwar *leakage* ta' ilma fi Triq id-Duluri ħdejn il-ħanut Chick King. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li sar rapport lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma f'dan ir-rigward.

*9.3 Patching fi Triq Manwel Magri*

Is-Sinjura J. Bugeja ġibdet l-attenzjoni dwar il-bżonn ta' *patching* ħdejn il-*Pedestrian Crossing* li hemm fi Triq Manwel Magri. Ġie spjegat li dan il-*patching* ġie nkluż fil-works order maħruġ lill-kuntrattur.

*9.4 Re-painting fi Triq Vitale*

Is-Sinjura J. Bugeja ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill għal bżonn ta' *repainting* tas-sinjali tat-toroq fi Triq Vitale.

*9.5 Traffic Lights fi Triq Manwel Magri*

Is-Sinjura J. Bugeja staqsiet jekk sarx żvilupp fir-rigward it-talba fil-Kunsill biex isiru *Traffic Lights* fi Triq Manwel Magri quddiem il-Knisja tal-Kunċizzjoni. Ġie nnutat li l-Kunsill ma rċieva l-ebda risposta mill-Gvern Ċentrali f'dan ir-rigward.

*9.6 Boroż fi Pjazza San Pawl*

Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li reġa' kien hemm numru ta' boroż fi Pjazza San Pawl. Ġie deċiż li tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur f'dan ir-rigward.

*9.7 Qsari fuq il-bankina*

Il-Viċi Sindku staqsa kif ser jibqa' l-Kunsill fuq qsari li għandhom jitpoġġew fuq bankina. Ġie deċiż li l-Kunsill jistenna biex jara kif ser tiżvolġi l-kwistjoni tal-qsari fi Triq Nazzarenu.

*9.8 Sleeping Policeman fi Triq Mons de Piro*

Is-Sur C. Valletta talab lill-Kunsill biex jirreferi t-talba li lienet saret għall-*Sleeping Policeman* fi Triq Mons. de Piro lill-ADT għall-konsiderazzjoni. Il-Kunsill approva li ssir it-talba lill-ADT

*9.9 Karnival fil-Ħamrun*

Is-Sur C. Valletta ssuġġerixxa li l-Kunsill jressaq talba lill-Awtorijiet konċernati biex is-sena d-dieħla ssir attivita` tal-Karnival fil-Ħamrun. Il-Kunsill qabel li tintbgħat ittra f'dan ir-rigward.

*9.10 Monument*

Is-Sur C. Valletta staqsa kienx hemm xi żviluppi mill-Konslu tal-Ukraine dawr il=proposta li jsir monument fil-Ħamrun. Ġie nnutat li ma kienx hemm żviluppi f'dan ir-rigward.

*9.11 Parkeġġ Riservat għal Persuni b'Diżabilita`*

Is-Sur M. Caruana ssuġġerixxa li jsir Parkeġġ Riservat għal Persuni b'Diżabilita` fi Triq il-Kbira San Ġużepp viċin Trejqet Sant Anna minħabba li f'din il-parti ta' Triq il-Kbira m'hemmx parkeġġ simili.

*9.12 Sleeping Policeman fi Triq Kanonku Bonnici*

Is-Sur M. Caruana staqsa jekk tistax issir *Sleeping Policeman* fi Triq Kanonku Bonnici. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li hemm talba pendenti għand l-ADT ghall-*Sleeping Policeman* fi Triq il-Kanonku Bonnici viċin il-Mużew.

*9.13 Rotta ta' karozza tal-linja f'tar-Rabbat*

Is-Sinjura C. Borg talbet biex il-Kunsill jerġa' jikteb lill-Awtorita` dwar it-Trasport biex tiġi introdotta r-rotta tal-karozza tal-linja li tgħaddi mill-Qasam tal-Gvern, tar-Rabbat.

*9.14 Parking bays fi Triq Dun Frans Camilleri u Triq Ġuże Bajada*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser jinżebħu *Parking Bays* fi Triq Dun Frans Camilleri u Triq Ġuże Bajada biex jiġi rregolarizzat il-parkeġġ f'dawn it-toroq.

*9.15 Tindif fil-kwartieri tal-1st Ħamrun Scout Group*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie avviċinat mill-*1st Ħamrun Scout Group* fejn talbu l-għajnuna tal-Kunsill biex titnaddaf biċċa ħamrija li għandhom fil-kwartieri tagħhom. Il-Kunsill approva li jitqabdu l-ħaddiema ta' l-ELC biex jagħmlu x-xogħol meħtieġ.

## 10 Schedule of Payments

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sat-23 ta ' Lulju 2009 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-lista tal-kontjiet.

## 11 Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fid-8.50pm. Ġie deċiż li laqgħa oħra tal-Kunsill issir nhar il-Ħamis 20 t'Awissu 2009 fil-5.30pm.

______________________

Vincent Bonello
Sindku
Kunsill Lokali Ħamrun

______________________

Philip Massa
Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħamrun

______________________

DATA